MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' April, 2023

Appell Inferjuri Numru 20/2022 LM

**Carmel Curmi (K.I. 139853M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('id-Direttur Ġenerali appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] tal-21 ta' Novembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrent Carmel Curmi, hawnhekk 'l-appellat', għandu jiġi milqugħ, filwaqt

li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-18 ta' Frar, 2021 għandha tiġi revokata fl-intier tagħha.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent ressaq appell quddiem l-Arbitru, billi għamel riferiment għad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tat-18 ta' Frar, 2021, fejn huwa ġie nfurmat li t-talba tiegħu għal 'Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta' ġiet milqugħa b'arretrati ta' sena waħda biss, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni tiegħu. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ilu ma jarax minn għajn waħda għal sittax-il sena, filwaqt li kien ilu li tilef id-dawl t'għajnejh it-tnejn tmien snin. Qal li huwa ma kienx applika għal dan il-benefiċċju għaliex l-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qatt ma nfurmawh li seta' kien intitolat għal dan il-benefiċċju, ma kienx jaf bl-eżistenza ta' dan il-benefiċċju, u kien biss ftit qabel applika għal dan il-benefiċċju li huwa sar jaf li seta' kien intitolat għalih. Qal li għalhekk minħabba nuqqas ta' informazzjoni, huwa safa imċaħħad minn benefiċċju li kien intitolat għalih qabel. Permezz tat-talbiet tiegħu lill-Arbitru, ir-rikorrent talab li jingħata l-arretrati ta' dan il-benefiċċju li seta' kien intitolat għalih minn qabel.

**Mertu**

3. Id-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tiegħu spjega li r-rikorrent applika għall-Pensjoni għal Persuni b'Vista Batuta (B1d) fil-11 ta' Frar, 2020, u t-talba tiegħu ġiet milqugħa wara li ġie stabbilit li r-rikorrent jaqa' taħt il-parametri tal-artikolu 27(2) tal-Kap. 318, u għalhekk beda jingħata din il-pensjoni b'effett mill-15 ta' Frar, 2020. Id-Direttur Ġenerali appellat spjega li l-

appell tar-rikorrent ma jqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, u għalhekk qal li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Novembru, 2022, l-Arbitru ddeċieda dak l-appell wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan l-appell jittratta dwar deċiżjoni tad-Dipartiment li l-ħlas tal-Pensjoni għal Persuna b'Vista Batuta beda minn data ferm aktar tard minn meta huwa beda jsofri minn vista batuta peress li kien ilu jbati minn glaucoma akuta għal aktar minn tmintax-il sena.*
>
> *Irriżulta li l-appellant kien fl-2004 beda jingħata l-għajnuna soċjali abbażi ta' ċertifikat mediku li kien isofri minn "*severe glaucoma loss of sight of rt eye ... a Diminution of sight in left eye." *Madanakollu d-Dipartiment qatt ma rreveda l-pożizzjoni tiegħu minkejja li l-Bord mediku kellu jarah wara sena mill-ewwel eżami li kien fil-15 ta' Frar, 2005. Fil-fatt l-appellant mar kemm-il darba jinforma lid-Dipartiment li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi (eż. beda jaħdem ibnu Carlo) imma qatt ma ġie mitlub li jerġa' jiġi mgħajjat għall-eżami mediku u lanqas ma qatt informa lill-appellant li seta' japplika għall-Pensjoni għall-Persuna b'Vista Batuta meta sa mill-2004 kien jaf b'liema kondizzjoni medika kien qed isofri.*
>
> *Għaldaqstant l-Arbitru huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali datata 18 ta' Frar, 2021 m'għandhiex tiġi kkonfermata u dan għaliex kien hemm nuqqas tad-Dipartiment li jara li jeżamina lill-appellant fi żmien sena mill-2005 u jinfurmah li bil-kundizzjoni medika akuta tiegħu kellu japplika għal Pensjoni għall-Persuna b'Vista Batuta.*
>
> *Għal dawn il-motivi l-appell ta' Carmel Curmi qed jiġi milqugħ u d-deċiżjoni appellata qiegħda tiġi revokata fl-intier tagħha."*

**L-Appell**

5. Fis-26 ta' Diċembru, 2022 id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u

tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Frar, 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. L-appellant qal li jirriżultalu li l-appellat għama b'mod permanenti, u l-kundizzjoni tiegħu kienet b'konsegwenza ta' *glaucoma* li żviluppatlu bejn wieħed u ieħor fis-sena 2004. L-appellant spjega wkoll li għall-bidu l-appellat kellu problema severa fl-għajn il-leminija, li wasslet għal deterjorazzjoni kompluta fiż-żewġ għajnejn. Qal li fit-18 ta' Ottubru, 2004, l-appellat talab għall-Għajnuna Soċjali, u l-applikazzjoni tiegħu ġiet milqugħa. Fil-15 ta' Frar, 2005, l-appellat ġie eżaminat mill-Bord Mediku tad-Dipartiment, u t-tobba dakinhar ikkonkludew li filwaqt li l-appellat kien tilef id-dawl minn għajnu l-leminija, huwa kien għadu jara minn għajnu x-xellugija, u dan il-kambjament seħħ wara intervent kirurġiku. Iżda t-tobba kkonkludew li l-appellat ma kienx tajjeb għax-xogħol. L-appellant spjega li tul is-snin l-appellat baqa' f'kuntatt regolari mad-Dipartiment, fejn kien jgħaddi informazzjoni dwar żviluppi u tibdiliet fiċ-ċirkostanzi personali tiegħu, iżda ma jidhirx li dan qatt semma li kien hemm deterjorazzjoni fil-vista tiegħu. Eventwalment l-appellat ma baqax jingħata l-Għajnuna Soċjali, iżda beda jirċievi l-pensjoni tal-età, sakemm imbagħad sar jaf bil-benefiċċju magħruf bħala 'Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta' kif stabbilit fl-artikolu 27 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalkemm mhuwiex ċar kif l-appellat sar jaf b'dan il-benefiċċju, jidher li kien hemm xi uffiċjal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li infurmah b'dan. L-appellant spjega li fil-11 ta' Frar, 2020 l-appellat applika għal dan il-benefiċċju, u b'deċiżjoni li ttieħdet mid-Direttur Ġenerali intimat fit-18 ta' Frar, 2021, l-appellat ġie infurmat li t-talba tiegħu kienet ġiet aċċettata u kien ser jingħata għajnuna fl-ammont ta' €107.18

fil-ġimgħa b'effett mill-15 ta' Frar, 2020, u bir-rata ta' €108.25 fil-ġimgħa b'effett mit-2 ta' Jannar, 2021. Imma l-appellat appella minn din id-deċiżjoni fejn sostna li huwa kien intitolat għall-arretrati sa minn meta bdiet id-deterjorazzjoni fil-vista tiegħu fl-2004.

7. L-appellant jikkontendi li l-Arbitru laqa' dak l-appell skorrettement għaliex injora għal kollox il-fatt li l-appellant kien qiegħed jaġixxi entro d-disposizzjonijiet tal-liġi, senjatament l-artikolu 97 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ta d-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Frar, 2020. L-appellant għamel riferiment estensiv għall-artikolu 97 tal-Kap. 318, u senjatament għas-subinċiż (2)(b) li jipprovdi li:

> "Iżda jekk ma ssir l-ebda talba għal xi benefiċċju, pensjonijiet, *allowances* jew għajnuna msemmijin qabel fil-limiti ta' żmien imsemmijin qabel, id-dritt għal dawk il-benefiċċji, pensjonijiet, *allowances* u għajnuna jibda jgħodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tkun aċċettata mid-Direttur bħala li tkun uffiċjalment riċevuta mid-Dipartiment ...".

8. L-appellant qal l-artikolu 97 tal-Kap. 318 jgħid li meta persuna tapplika għal xi benefiċċju, dik il-persuna ma tkunx intitolata għal xi forma ta' arretrati minn meta tkun żviluppat l-kundizzjoni tagħha. Qal li wara li tkun saret applikazzjoni valida mad-Dipartiment, u wara li jiġi assigurat li l-applikant għandu problemi bil-vista, l-applikant ikun intitolat għall-benefiċċju relattiv minn ħamest ijiem wara li tkun saret l-applikazzjoni. Qal li huwa dan li seħħ fil-każ odjern. L-appellat applika għall-benefiċċju relattiv fil-11 ta' Frar, 2020, u meta din l-applikazzjoni ġiet approvata, huwa beda jitħallas b'effett mill-15 ta' Frar, 2020 'il quddiem. Qal ukoll li l-Arbitru injora għal kollox dak li tgħid il-liġi, u li fil-każ odjern id-Dipartiment kien mexa ma' dak li tgħid il-liġi.

9. L-appellant qal li l-appellat sostna li kien ilu jsofri minn problemi fil-vista mis-sena 2004, u għalhekk huwa kellu jkun intitolat għall-benefiċċju minn dak iż-żmien. L-appellat jikkontendi li meta huwa għadda minn bord mediku, kienet saret rakkomandazzjoni sabiex eventwalment isiru visti oħra, iżda d-Dipartiment kien naqas meta ma bagħatx għalih sabiex jinfurmah li huwa seta' kien intitolat għall-Assistenza lil Persuni b'Vista Batuta. L-appellant qal li l-ewwel punt li jrid jiġi indirizzat huwa x'obbligi għandu d-Dipartiment *vis-à-vis* l-appellat, u diġà ġie spjegat li fl-2005 l-appellat għadda minn bord mediku għaliex kellu problemi mediċi, u kien ġie ddikjarat li huwa *unfit for work.* Dan il-bord mediku kien ġie kostitwit wara li l-appellat għamel talba sabiex jibda jingħata l-Għajnuna Soċjali. L-appellant qal li għandu jiġi rilevat li l-Bord Mediku ma għamel l-ebda rakkomandazzjoni dwar jekk l-appellat kienx intitolat għall-Assistenza lil Persuni b'Vista Batuta, u l-Bord għamel biss rakkomandazzjoni, u mhux ordni, biex isiru visti oħrajn. L-appellant qal li l-inkarigu tal-Bord Mediku kien li jeżamina jekk l-appellat kienx jikkwalifika għall-Għajnuna Soċjali u mhux għal benefiċċji oħra wkoll, u mhuwiex ikkontestat li s-sitwazzjoni tal-appellat iddeterjorat mal-medda tas-snin u l-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu fl-2005 ma kinitx l-istess bħalma kienet fl-2020. Qal li filwaqt li m'hemmx dubju li fl-2005 l-appellat kellu problemi ta' saħħa, ma kienx ġie determinat jekk il-problemi bil-vista kinux tali li jikkwalifikawh għall-benefiċċju in kwistjoni. L-appellant qal li għalhekk l-argument tal-appellat li huwa kellu jikkwalifika għall-benefiċċju sa mill-2004, huwa bbażat fuq assunzjoni u xejn aktar. Qal ukoll li l-Bord Mediku kien irrakkomanda li jsiru visti oħra, iżda dawn ma sarux. Id-Dipartiment ma kellu l-ebda obbligu jagħmel visti l-oħra, u minkejja li kien ikun aħjar li dawn il-visti saru, il-fatt li ma sarux m'għandux ifisser li d-Dipartiment għandu jiġi

kkastigat kif ġie ordnat fid-deċiżjoni appellata. L-appellant qal li hawnhekk il-Qorti trid tqis in-nuqqasijiet tal-appellant, u l-fatt li minkejja li dan naqas milli jieħu ħsieb l-affarijiet tiegħu, dan issa qiegħed jiġi ppremjat għal dawn in-nuqqasijiet.

10. L-appellant qal li l-fatt li l-appellat ma kienx jaf bl-eżistenza ta' dan il-benefiċċju partikolari, m'għandu jservi tal-ebda ġustifikazzjoni. Qal li dan il-benefiċċju partikolari huwa pprovdut bil-liġi u ilu jeżisti għal diversi snin. Qal li l-appellat seta' ħa parir legali, u f'każ li l-appellat ħass li huwa seta' kien intitolat għal xi benefiċċju addizzjonali, huwa seta' talab parir dwar dan, kif fil-fatt jirriżulta li għamel. L-appellant qal li s-sitwazzjoni hija waħda stramba meta wieħed iqis li tul is-snin l-appellat żamm kuntatt regolari mad-Dipartiment u kien jinfurmah bit-tibdiliet fiċ-ċirkostanzi tiegħu, iżda huwa qatt ma ġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment għall-fatt li huwa kien qiegħed isofri minn kundizzjoni medika li kienet qegħda tiddeterjora bil-mod. L-appellant qal ukoll li mhuwiex possibbli li d-Dipartiment ilaħħaq ma' kulħadd f'Malta u Għawdex u jkun jaf immedjatament jekk persuna tkunx saret eliġibbli għal xi benefiċċju soċjali partikolari. Qal li huwa għalhekk li a tenur tal-artikolu 97 tal-Kap. 318, hemm l-obbligu li jsir kuntatt mad-Dipartiment min-naħa ta' min għandu dritt jitlob għall-assistenza, u mhuwiex il-każ li huwa d-Dipartiment li jiġri wara n-nies biex jara jekk humiex intitolati għal xi benefiċċju partikolari.

## Ir-Risposta tal-Appell

11. L-appellat fir-risposta tiegħu ppreżentata fil-21 ta' Frar, 2023 qal li l-appell tal-appellant ġie ppreżentat tardivament, u għalhekk dan għandu jiġi miċħud bl-

ispejjeż. Mingħajr preġudizzju għal dan, żied jgħid li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, u dan għaliex kien id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li naqas b'mod lampanti fil-konfront tiegħu. L-appellat spjega li d-deterjorazzjoni fil-vista tiegħu ġiet stabbilita fis-sena 2004, u għalkemm huwa kien f'kuntatt regolari mad-Dipartiment, dan qatt ma ħa ħsieb iħares l-interessi tiegħu. Żied jgħid li minkejja li huwa għadda bord mediku, ħadd ma bagħat għalih sabiex issirlu l-konsulta neċessarja sabiex jiġi investigat l-istat tal-vista tiegħu.

12. L-appellat jikkontendi li d-Dipartiment ma jistax jabbuża mill-pożizzjoni dominanti li jinsab fiha biex jaħrab mid-doveri li dan għandu fil-konfront taċ-ċittadin, u kull dipartiment u/jew aġenzija stabbiliti bil-liġi qegħdin hemm biex jagħtu servizz lil min għandu bżonnhom. Qal li l-każ odjern huwa wieħed gravissimu għaliex jikkonċerna aggravju fil-kapċità ta' persuna meta jitlef id-dawl ta' għajnejh, u rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni u minn eżami tal-file tal-appellat, għandu jirriżulta l-oppost ta' dak li qiegħed jallega d-Dipartiment. L-appellat qal li huwa inawdibbli li d-Dipartiment jċaħħdu minn dak li kien jistħoqqlu tul il-kors tas-snin. Żied jgħid li l-każ tiegħu ġie investigat mid-Dipartiment, u kien għalhekk li huwa deher quddiem bord mediku, u l-Bord Mediku kellu d-dover li jeżamina u jassigura li l-pazjent jieħu dak li ħaqqu. Qal li għalhekk id-dikjarazzjoni tad-Dipartiment appellant li l-Bord Mediku jagħmel biss rakkomandazzjoni u mhux ordni għal visti sussegwenti, hija pretensjoni frivola u fiergħa, u la l-Bord Mediku u lanqas id-Dipartiment m'għandhom jieħdu l-attitudni li jtellfu liċ-ċittadin milli jieħu l-benefiċċji u d-drittijiet applikabbli. L-appellat qal li kien id-dover tal-Bord Mediku li jerġa' jinvistah u jara li jiġu segwiti il-proċeduri dipartimentali sabiex l-appellat jiġi megħjun fl-agħar żmien ta'

ħajtu. L-appellat qal li ċittadin ordinarju ma jkunx jifhem il-liġi u għalhekk huwa kien ġustifikat jistenna li jiġi ggwidat mid-Dipartiment immexxi mill-appellant sabiex jingħata d-drittijiet kollha tiegħu. Finalment l-appellat qal li d-Dipartiment qiegħed hemm sabiex ikun ta' assistenza għaċ-ċittadin u mhux biex iċaħħadhom minn dak li huwa dovut lilhom, u l-Istat jokkupa l-pożizzjoni ta' *bonus paterfamilias,* u għalhekk għandu jieħu ħsieb iċ-ċittadini tiegħu u mhux iċaħħadhom minn dak li huwa dritt tagħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravju sollevat mid-Direttur Ġenerali appellant, il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni mqajma mill-appellat, li r-rikors tal-appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru ġie ppreżentat tardivament mill-appellant. Mill-atti jirriżulta li filwaqt li d-deċiżjoni tal-Arbitru ngħatat fil-21 ta' Novembru, 2022, l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant ġie intavolat fis-26 ta' Diċembru, 2022. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 109 (2) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, li jgħid illi:

> "Appell kif imsemmi qabel f'dan l-artikolu għandu jsir permezz ta' rikors fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċjarju jew lid-Direttur, skont il-każ."

14. Minkejja n-nuqqas ta' prova fir-rigward, id-Direttur Ġenerali appellant fir-rikors tal-appell tiegħu spjega li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Arbitru fit-28 ta' Novembru, 2022. Il-Qorti tqis li huwa verosimili li n-notifika tad-deċiżjoni appellata bil-posta reġistrata ħadet ġimgħa biex saret wara li ngħatat id-

deċiżjoni mill-Arbitru, u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni tal-appellat.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat.

16. Mill-atti jirriżulta li l-appellat ilu jsofri minn diversi problemi mediċi, u fl-2004 huwa applika għall-Għajnuna Soċjali għall-ewwel darba għaliex ma setax ikompli jaħdem. Huwa kien deher quddiem il-Bord Mediku li kien stabbilixxa li l-appellat ma kienx f'kundizzjoni li jaħdem minħabba l-istat fiżiku li kien fih, u fil-fatt dak iż-żmien kien ġie deċiż li l-appellat għandu jingħata l-Għajnuna Soċjali li kien applika għaliha. Meta l-appellat leħaq l-età tal-irtirar, huwa beda jingħata l-pensjoni tal-età. Jirriżulta wkoll li l-appellat kien leali lejn id-Dipartiment, żamm kuntatt regolari, u kien jinforma lill-uffiċjali inkarigati bit-tibdil u ċ-ċirkostanzi li minn żmien għal żmien għadda minnhom. Minkejja li kien evidenti li mas-snin l-vista tal-appellat baqgħet tiddeġenera, tant huwa hekk li llum sfortunatament l-appellat tilef il-vista tiegħu kompletament, kien biss fl-2020 li kien hemm uffiċjal fid-Dipartiment li informa lill-appellat li huwa seta' kien intitolat għall-benefiċċju partikolari li jitħallas lil persuni b'vista batuta. Fil-fatt l-appellat applika għal dan il-benefiċċju, u beda jingħatalu minnufih. Filwaqt li l-appellat isostni li huwa għandu dritt jitħallas dan il-benefiċċju bl-arretrati b'effett mill-2004, li hija s-sena meta beda jsofri minn problemi fil-vista, id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jikkontendi li ma jistax isir ħlas ta' arretrati, għaliex il-liġi ma tippermettix dan.

17. L-appellant isostni li kien hemm nuqqas min-naħa tal-appellat, fis-sens li huwa naqas li jinforma lid-Dipartiment li saħħtu kienet qegħda tmur lura, u dan minkejja li żamm kuntatt regolari mad-Dipartiment. L-appellat min-naħa l-oħra jikkontendi li kien obbligu tad-Dipartiment li jħares l-interessi ta' min jirrikorri għall-għajnuna, u li kellu jżommu infurmat dwar id-drittijiet tiegħu, sabiex b'hekk huwa ma jiġix imċaħħad minn xi ħaġa li seta' kellu dritt għaliha.

18. Il-Qorti qieset fit-tul iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, partikolarment għaliex fil-fehma tagħha id-Direttur Ġenerali appellant kellu jkun iggwidat mill-prinċipji tal-ekwità u tar-raġonevolezza. M'hemmx dubju li l-appellat huwa persuna li ilu jbati minn problemi bil-vista, u kien għalhekk li fl-2005, il-Bord Mediku li eżamina lill-appellat sab li huwa ma kienx f'kundizzjoni ta' saħħa li tippermettilu li jibqa' jaħdem. Kien l-istess Bord Mediku li rrakkomanda li l-appellat jibda jingħata l-Għajnuna Soċjali. Il-Bord Mediku li eżamina lill-appellat, dakinhar iddeċieda wkoll li l-appellat kellu jibda jiġi eżaminat perjodikament, u dan sabiex jiġi stabbilit jekk il-qagħda ta' saħħtu baqgħetx stabbli, marritx 'il quddiem jew inkella ddeġeneratx, kif fil-fatt jirriżulta li ġara. Minkejja din ir-rakkomandazzjoni, jirriżulta li d-Dipartiment qatt ma reġa' bagħat għall-appellat, u l-appellat ma reġax deher quddiem il-Bord Mediku. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellat mhuwiex f'pożizzjoni li jsegwi u jżomm ruħhu infurmat dwar id-drittijiet tiegħu, u dan għaliex id-debilità li qiegħed isofri minnha wasslet biex tilef id-dawl t'għajnejh it-tnejn, u kien biss b'kumbinazzjoni li huwa ġie infurmat minn uffiċjal tal-*Customer Care* tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li huwa kellu dritt għall-Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta. Fil-fatt l-appellant ma kellu l-ebda problema jikkonstata li l-appellat tabilħaqq huwa intitolat għal dan il-

benefiċċju, u li dan għandu jibda jingħatalu b'effett immedjat mid-data meta applika għal din l-għajnuna.

19. Imma d-Direttur Ġenerali appellant jikkontendi li lanqas jekk jikkonsidra li jħallas l-arretrati tal-benefiċċju lill-appellat, dan ma jistax isir għaliex huwa ma jistax jistabbilixxi jekk fl-2004 l-appellat kienx jikkwalifika għal din l-għajnuna. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li fl-2004 l-appellat kien diġà jbati minn problemi tal-*glaucoma* li wasslu għat-telf tal-vista f'għajn minnhom, u maż-żmien il-kundizzjoni medika tal-appellat iddeġenerat sal-punt li l-appellat tilef id-dawl t'għajnejh kompletament. Fil-fatt fl-2004 il-Bord Mediku li eżamina lill-appellat, mill-ewwel iddeċieda li huwa ma kienx f'qagħda li jkompli jaħdem, u għalhekk ġie deċiż li dan kien eliġibbli għall-ħlas tal-Għajnuna Soċjali. M'għandu għalhekk ikun hemm l-ebda dubju li fl-2004, l-appellat kien diġà qiegħed isofri minn vista batuta, u fi kwalunkwe każ in-nuqqas kien tad-Dipartiment li ma infurmax lill-appellat bil-benefiċċju li seta' kien intitolat għalih. Fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti, l-appellat li kien qiegħed isofri minn problemi ta' saħħa, irrikorra għall-għajnuna tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex japplika għall-Għajnuna Soċjali, deher quddiem il-Bord Mediku li ddeċieda li l-appellat tabilħaqq kien qiegħed isofri minn problemi ta' saħħa li minħabba fihom ma setax jibqa' jkompli jaħdem, ġie deċiż li dan għandu jingħata l-benefiċċju soċjali li applika għalih, iżda ħadd ma infurmah li hemm benefiċċju ieħor li jingħata lil min ikun qiegħed isofri minn vista batuta.

20. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellant qal li r-riżorsi tad-Dipartiment mhumiex infiniti, u ma jistax ikun li dan jiġri wara kull ċittadin sabiex jara jekk huwiex intitolat għal xi benefiċċju jew ieħor. Li huwa

żgur però huwa li meta persuna tavviċina lid-Dipartiment għaliex tkun għaddejja minn ċirkostanzi diffiċli ħafna f'ħajjitha, hija għandha tinżamm infurmata b'dak kollu li tista' tkun intitolata għalih. Fil-każ odjern id-Dipartiment ipproċessa t-talba tal-appellat għall-Għajnuna Soċjali, u l-appellat ma kienx jaf li seta' jikkwalifika għal xi benefiċċju ieħor, għaliex ħadd mid-Dipartiment ma ggwida u informa lill-appellat li seta' jkun hemm benefiċċji oħra li huwa jikkwalifika għalihom. Għal dan ċertament li ma jaħtix l-appellat. Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda għalhekk tiċħad l-aggravju sollevat mill-appellant, filwaqt li qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**